# L-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI – QABEL IT-TWAQQIF

— OLIVER FRIGGIERI —

FOST IL-ĠURNALI kollha ta' Malta, il-ġurnal l-iżjed importanti fil-ġrajja lingwistika u letterarja bil-Malti aktarx li hu "Il-Habib", immexxi minn Ġuże' Muscat Azzopardi u maħruġ mill-"Cumitat tal-Għakda tal Appostolat tat Talb". Għall-ewwel l-għan kien kollu kemm hu reliġjuż u soċjali, sewwa sew biex ma jiksirha ma' ebda naħa politika. Il-kwistjoni lingwistika kienet, qabel kull ħaġa oħra, każ partiġġjan bi xniexel li fl-aħħar mill-aħħar kellhom l-aqwa effett tagħhom fil-bini ta' blokki jew klassijiet kontra xulxin. Ġuże Muscat Azzopardi fisser bla tlaqliq il-fehma li ma jorbotx il-ġurnal ma' taqsima politika. Il-Malti, l-ilsien li Muscat Azzopardi kien ilu snin twal li beda jikteb bil-għaqal u jfittex it-tixrid tiegħu, kien wieħed mill-elementi li setgħu jdaħħluh malajr u b'ruħu u b'ġismu fit-taqtigħa politika. Għalhekk kiteb fl-ewwel ħarġa: "Il Habib ismu miegħu; m'hux ġejj għall għilt u għall ġlied: mela, il pichi ta bejn cull xorta ta' partiti ma igħoddux għalih: anzi, inkas irid jaf bi quistionijet fuk il Chitba tal Malti: cull-hadd jicteb chif jogħgbu, basta suret in-nies...... Imma cull-ma jingieb haun għandu icollu ħsieb tajjeb: jigifieri, l'euuel-nett, ta kima lejn Alla u il Cnisja Cattolica; imbagħd, ta' mħabba lejn Malta u id-drittijiet taħħa; u fl'aħħar, ta ġid u fejda għall Poplu......" (1).

Madankollu, it-tradizzjoni qadima u għanja ta' l-ilsien Taljan f'Malta qatt ma twarrbet jew inxteħtet f'dawl ikreh mill-kittieba ta' "Il Habib". Fis-saħna tal-ġlieda "kulturali" nkiteb bosta kliem li ma għen b'ebda mod lill-kawża tan-naħa ta' min kitbu. Muscat Azzopardi nnifsu kien ilu jikteb bit-Taljan minn żmien twil, u l-eqdem manuskritt konsiderevoli tiegħu hu l-farsa "Mille tappi ed un turaccio" ta' l-1874, jiġifieri meta kien għadu student universitarju ta' wieħed u għoxrin sena. Barra minn dan, l-aqwa raġunijiet storiċi li jagħtu prijorità ċara ta' żmien lill-Malti, fuq naħa, u s-sisien xjentifiċi meħtieġa biex iseddqu l-fehma li l-Malti huwa lingwa għaliha u mhux djalett, min-naħa l-oħra, kienu għadhom ma sabux il-kelliema serji tagħhom. L-istudji ta' Vassalli setgħu xterdu u swew mhux ftit fil-bini ta' dehra ġusta tal-Malti, iżda jidher li l-fama ta' Vassalli bħala

1. G. Muscat Azzopardi fi "Il Habib", 1/2/1912, nru 1, paġ. 1.

bniedem għamlitlu ħsara ġmielha saħansitra bħala kittieb fost sħabu nfushom. Il-kitba letterarja kienet skarsa, b'siwi żgħir u aktar soċjali u uman milli krejattiv, waqt li l-awturi tal-Malti nfushom ġie li stqarru bil-kitba li, minkejja l-fidi tagħhom, kienu jifhmu li l-medju lokali hu limitat mhux ftit. F'dik il-ħabta, wieħed ma setax jaħseb fil-Malti bla ma jqabblu mat-Taljan. Fil-paġni stess ta' "Il Habib" dehru fehmiet li fissru s-sentimenti qodma u siikwit moħbija ta' kittieba kolti, imrawmin f kultura kollha kemm hi Taljana: "......il lingua li tagħmilna poplu għaliħ, li mad-dinja ixxandarna b'poplu civil, li tfakkar lill'Europa li aħna poplu latin, hi il Lingua Taljana. Mingħajrha, l'Ingħilterra tibda tarana bħall-Indjani u bħal dauc il Colonji li ma għandhomx li Storja tagħna!" (2).

Biż-żmien bdiet tidher fil-gazzetta l-fehma tal-pari-passu bejn it-Taljan u l-Ingliż, b'mod li wieħed isibha bi tqila biex jifhem x'post seta' jitħalla għall-Malti: "L-imħabba tagħna bla tarf għall lingua taljana, bħalma katt ma tiesfet il ġibda li għandna għall lingua maltija, hecc ucoll ma tfisserx mibegħda għall lingua ingliża. U chiecu it-Taljan u l'Ingliż jiġu mgħallmin tas-seu refgħa b'refgħa, ma għandniex għal fejn nitniffxu actar . . . " (3).

Rabta sħiħa u mistennija ma' l-imgħoddi tal-kultura latina talgżira tinstab imfissra aħjar f'din is-silta: "Il Habib, chif uiegħed fl'euuel dehra tiegħu u chif dejjem żamm il chelma, ma jindaħalx fil Pulitca . . . imma fuk il Lingua taljana, li hu ikisha jedd u ħtieġa ta Pajjiżu, mhux Pulitca, samma' dejjem leħnu . . . Nitgħallmu u inxerrdu l'ingliż, għax għandna bżonnu u jixrak incunu nafuħ, la aħna Colonja ingliża, u ma nmakdrux il Malti, li hu ilsien mill'isbaħ u 95 fil 100 minn'na ma jafux għajr bih jakrau u jitchellmu: imma, f'li stess uakt ngħożżu tajjeb it-Taljan, li hu il Lingua tal educazzjoni tagħna" (4).

Minkejja dan in-nuqqas ta' indħil dirett fil-kwistjoni sħuna tal-Malti, "Il Habib" kien diġa' ntrabat awtomatikament magħha, minħabba dak kollu li kellu jsarraf għall-Malti fih innifsu u għall-fama tiegħu Dun Karm li, bi stedina ta' Muscat Azzopardi u mons. Pawlu Galea, beda jikteb għall-ewwel darba bil-Malti fl-ewwel ħarġa talgazzetta (5). Min-naħa l-oħra, Ġanni Vassallo kien wieħed mill-kit-

2. Fra Meliton: "Il lingua Taljana" fi "Il Habib", 8/2/1912, nru 2, paġ. 3.
3. Awtur anonimu fi "Il Habib", 1/7/1913, nru 71, paġ. 1.
4. Awtur anonimu: "Pari-passu — refgħa b'refgħa" fi "Il Habib", 24/11/1914, nru. 142, paġ. 1.
5. Ara Dun Karm: "Taħdita fuq il-poeżija Maltija" f' "Leħen il-Malti", għadd I, 1916, paġ. 9.

tieba ewlenin u regulari ta' "Il Habib". L-ewwel kitba tiegħu "Tifsir ta xi cliem Malti' dehret fil-ħarġa tal-25 t'April, 1912 u ma kinitx l-aħħar waħda. Vassallo kien ilu jaħdem għall-Malti sa mill-1892 meta beda s-sensiela ta' traduzzjonijiet tiegħu bir-"Rsir tax-xwieni" u bi "Flora" tal-franċiż A. De Kermainguy. L-interess tiegħu fl-aspett lingwistiku kien bikri wkoll; madwar l-1893 issieħeb bħala segretarju max-Xirka ta' Napuljun Tagliaferro, A.E. Caruana, Achille Ferris, u Muscat Azzopardi nnifsu.

Dawn in-nies u elementi oħrajn li bdew jidħru aktar ma jgħaddi ż-żmien kattru l-interess tal-ġurnal fil-kwistjoni iebsa tal-Malti li minn djalett mhux mirqum, bla ebda tradizzjoni letterarja meqjuma, ħtieġlu jitla' għal-livell ta' lingwa u jkun wieħed mill-fatturi ta' għaqda u identità f'seklu li kellu jara l-iżviluppi kostituzzjonali kollha. Fil-fatt, l-ilsien imkasbar ma setax isib għodda aħjar minn ġemgħa ta' kittieba tajbin li jiktbu lkoll flimkien f'ġurnal tal-kotra. Aktar mill-ktieb, kien meħtieġ il-ġurnal. Pass 'il quddiem f'din it-triq deher fl-artiklu "Il lsien Malti", mingħajr l-isem ta' l-awtur, li jidher bħal bosta kitbiet oħra, li huwa xogħol Muscat Azzopardi. Il-kittieb ħadha bil-qawwa kontra taħdita li l-professur Ramiru Barbru għamel fit-tijatru Manoel, nhar it-2 ta' Lulju, 1912, bit-Taljan u li fiha wera stmerrija lejn il-Malti. Wara li jfaħħar it-tradizzjoni Taljan f'Malta, bħal drabi diversi, l-awtur anonimu jissokta: "Inħobbu t-Taljan, ngħożżuh bħal biċċa minn kalbna, naħdmu chemm nifilħu biex l-Ingliżi ma jekerduhx minn Malta. Iżda ma 'nżebilħux il Malti, li fih innifsu hu lingua mill-isbaħ! . . . Il Habib ismu miegħu; jingieb ma cull-ħadd u ma irid jiggieled ma ħadd; imma kalbu tferfer b'demm Malti — u katt ma jaħmel li jigi imcasbar dac il lsien li bih tgħallem igħid fuq dirgħajn ommu: "Missierna, li inti fis-smeuuiet, icun imkaddes ismec" (6).

F'dan il-kliem jinħass diwi tal-fehmiet imfissra drabi oħra, u aktarx l-espressjoni kważi hi l-istess, iżda hemm mixi kbir 'il quddiem minnu; mhux biss intlaqa' l-fatt attwali tal-kwistjoni lingwistika u d-dmir li wieħed jissieħeb fiha bis-saħħa tal-ġurnal, u mhux biss in-għaraf is-siwi storiku tat-Taljan fil-gżira, iżda ngħata ħjiel ta' preferenza sħiħa lill-Malti.

Il-polemika, illum jew għada, kellha tibda. Mhux biss għaliex kien issemma Ramiro Barbru (kif kien imsejjaħ mill-kittieba tal-Malti minflok bil-forma Taljana Ramiro Barbaro di San Giorgio), iżda wkoll għaliex beda dieħel ġmielu l-agħar paragun tal-kwistjoni kollha: il-

6. Awtur anonimu: "Il lsien Malti" fi"Il Habib", 11/7/1912, nru. 22, paġ. 3.

Malti, bħala djalett bla ġieh, kontra t-Taljan, bħala lingwa għanja bi tradizzjoni mill-aqwa. Artiklu ieħor, "Il Isien Malti", mingħajr isem ta' l-awtur għad li kollox juri li kitbu Muscat Azzopardi, id-direttur (7), jeħodha bis-saħħa kollha kontra żewġ korrispondenti ħorox tal-ġurnal "Malta", l-organu tal-"Partito nazionale". Muscat Azzopardi, skond id-dati tal-korrispondenza, dam jistabar sakemm qatagħha li jdaħħal lill-ġurnal tiegħu fis-saħna tal-polemika (kontra r-rieda li kiteb kemm-il darba). L-ewwel korrispondent, "Il Vecchio Plinio", kiteb għall-ewwel darba fit-18 ta' Lulju, 1912 (8) u Muscat Azzopardi wieġbu b'ismu fil-"Malta" wkoll erbat ijiem wara (9). "Il vecchio Plinio" reġa' wieġeb (10) u seħaq li bħalma l-Isqallin jitkellmu l-Isqalli waqt li l-lingwa nazzjonali tagħhom hija t-Taljan, hekk ukoll il-Malti huwa l-lingwa djalettali tal-Maltin waqt li t-Taljan huwa l-lingwa nazzjonali. Muscat Azzopardi reġa' wieġeb għal din il-kitba (11).

It-tieni korrispondent, H. Daleth, jersaq aktar lejn iż-żerniq ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti bil-għanijiet magħżulin tagħha. Daleth (12) kiteb: "Se il Maltese è lingua sia per 'safiezza' (in gergo del "Habib" vuol dire purezza) di fraseologia e di ortografia, sia perchè 'est quoddam celebre et pretiosum monumentum', come va che tutti quei che han scritto e scrivono in Maltese, ne siano pure profondi conoscitori come voi, non hanno adottato, ne' adottano uniforme ed unisona fraseolgia ed ortografia nei libriccioli in vernacolo vulgo 'Mogħdija taż-Żmien' come pure nel 'Habib' che è il tipo della 'Fioritura letteraria del Maltese'!"

Daleth, mingħajr ma kien il-għan tiegħu, qiegħed sebgħu fuq il-ġerħa ewlenija: in-nuqqas ta' ortografija xjentifika milqugħa minn kulħadd. Jekk wieħed jinsa għal ftit it-ton ironiku (ton komuni ħafna, u sikwit imqanqal min-nuqqas ta' uniformità ortografika u minn kunċetti ħżiena dwar il-ħażna lessikali tal-Malti mħallat), flimkien massens ta' għajb li kien imiss lil kulma kien miktub bil-Malti, wieħed

7. Awtur anonimu: "Il lsien Malti" fi "Il Habib", 8/8/1912, nru. 26, paġ. 1-3.
8. "Il vecchio Plinio": "La lingua" fil-"Malta", 18/7/1912, nru. 8606, paġ.2.
9. G. Muscat Azzopardi: "La lingua' fil-"Malta", 22/7/1912, nru. 8609, paġ. 2.
10. "Il vecchio Plinio": "La risposta" fil-"Malta", 24/7/1912, nru. 8611, paġ. 2.
11. Ġ. Muscat Azzopardi: "Contro-replica' fil-"Malta", 26/7/1912, nru. 8613, paġ. 2.
12. H. Daleth: "Istruzione, educazione e lingua" fil-"Malta", 24/7/1912, nru 8611, paġ. 2.

jintlaqat mill-kwotazzjoni latina. Hu kliem Mikiel Anton Vassalli; il-kwotazzjoni proprja hi din: "est quoddam celebre et pretiosum venerandae antiquitatis monumentum" (13). Daleth ħalla barra ż-żewġ kelmiet li jfakkru fil-prijorità storika tal-Malti fuq it-Taljan f'Malta.

Flimkien mas-saħna tal-polemika, li minbarra l-fehmiet maħsuba kienet titlob ukoll il-qlubija, bdew deħlin ukoll ir-riflessjonijiet aktar fejjieda li setgħu jwasslu għal xi riżultat li jibqa'. Kitbiet serji dwar aspetti ta' l-ilsien Malti baqgħu jidhru ta' sikwit fi "Il Habib". Iżda aktar minn dan, il-problema ma kinitx biss ġlieda ta' politika jew propaganda; il-bini ta' alfabett u ortografija kien sfida xjentifika. It-taħbila ma setgħetx tinħall bil-kitbiet fuq il-ġurnali, b'fehmiet li sikwit ma qablux, iżda bl-istħarriġ kollu reqqa ta' studjużi. Artiklu mingħajr isem l-awtur, u li għandna nifhmu li hu wkoll ta' Muscat Azzopardi, jikkundanna l-fehmiet ħżiena dwar il-Malti u n-nuqqas ta' ħsieb ta' min jiktbu kif ġie ġie. L-awtur jirriferi għal fatt importanti li, madankollu, jitlef ħafna mis-siwi tiegħu minħabba l-anonimità: "Din id-darba, uieħed ħabib messna fil laħam il ħaj b'żeuġ chelmiet li bagħat igħidilna f'ittra privata, għalina biss, fuk nitfa ta carta barranija: 'La inti irfajt dan is-salib li tmexxi gażetta mictuba bil Malti suret in-nies, għandec id-dmir li takbeż cull fejn tara il lsien tagħna mcasbar u imżeblaħ; u għad jiġi jum li xi uieħed minn dauc il għorrief ta Barra, li għall Malti għandhom kima cbira, jistaksic għaliex tħalli igħaddi collox u ma titniffes xejn.'"

Wara li jissokta jilmenta dwar il-qagħda ħażina tal-Malti miktub u jċanfar lil min jikteb u jxandar bil-għan waħdieni li jaqla' l-flus u mhux li jikteb bis-sengħa, itenni l-kliem l-iżjed importanti: " 'Tista' issir xi **Għakda bejn il Chittieba tajjbin,** bejn dauc li jictbu bil Malti biex jifthu għajnejn il Poplu, mhux biex igħixu minn fuku!... U il **Għakda bejn il Chittieba tajjbin** jaħtieġ ikollha il għajnuna tal Cappillani, tal Cunfessuri, tas-Surmastrijet ta li Schejjel, tal Capijet ta li Stituti sagri u prufani . . . L'ortografija — tgħidu intom — m'hix ħlief il libsa ta fuk. Iva. Iżda min hu maħmuġ jeu mcercer minn barra, actarx issibuh hecc ucoll minn geuua! " (14).

Ġimagħtejn wara dehret ittra li ntlaqtet mill-ħsieb tat-twaqqif ta' Għaqda tal-Kittieba. Carmelu Zammit Marmara' kiteb lid-direttur u fissirlu l-ħtieġa: "Hu xierak uisk li il chittieba maltin icunu jafu uieħed l'ieħor, hu xierak li bejniethom isir ftehim, li per mezz tiegħu icabbru il ġieħ tal għażiża Malta, pajjiż tagħna . . . " (15).

13. Mikiel Anton Vassalli: "Mylsen Phoenico-Punicum", Roma, MDCCXCI, "Praefatio Historica", II, paġ.3.
14. Awtur anonimu: "Imsejkna ortografija", 14/7/1914, nru 123, paġ.1.
15. "Il Habib", 28/7/1914, paġ. 3.

Muscat Azzopardi kellu l-ħsieb li jistieden lil bniedem għaref li kien meqjum ħafna biex jagħti bidu għal din il-ħidma, kif kiteb f'nota għall-ittra msemmija: "Il ħsieb tagħna chien li il Professur Napuljun Tagliaferro bħala l'actar inzjan fost il Chittieba li msemmija, ikankal lakgħa bejn il Chittieba collha, cbar u żgħar, ta cull leun u ta cull katgħa; u tchellimna miegħu fuk hecc actar minn darba. Imma daun il ġranet, inkas nafu jecc hu msiefer, jeu imrecchen fil Campanja, jeu forsi ma iħossux fiha; u nieħdu pjacir ucoll jecc f'locu icun il Commendatur Galea, ħabib għażiż tagħna xejn inkas minnu."

Napuljun Tagliaferro wieġeb fil-ħarġa ta' wara, l-4 ta' Awissu, 1914, bl-ittra "Il Lakgħa tal Chittieba bil Malti":

"Sur Ġużè,

Għoġboc issemmini fl'aħħar ħarġa tal **Ħabib** bħal anzian tal Chittieba Maltin; jiġifieri, nifhem jien, l-ixjeħ fosthom. Il lakgħa li trid tagħmel illum, jecc tiftacar tajjeb, cont għamiltha jien xi għoxrin sena ilu. Minn dauc li chienu ġeu fil-lakgħa li chienet saret f'li Stitut tas-surmast Paulin Vassallo, fi Strada Forni, mietu bosta. Fosthom insemmu Annibale Preca, Achille Ferris, Duardu Cachia, Fabriz Borġ, Toni Manuel Caruana, Ninu Muscat Fenech. Ix-xogħol li bdejna complieħ Ġanni Vassallo fil ctieb sabiħ li ħareġ **Il muftieħ tal Chitba Maltija** illi chien imissu f'idejn cull min irid jicteb bil Malti chif jixraklu . . ."

Tagliaferro ssokta jgħid li kienet qamet il-biċċa tal-"w" jew l-"u", l-aktar minħabba dak li kiteb Vassallo fil-ktieb imsemmi. Minħabba f'saħħtu l-kittieb xwejjaħ (li kellu 71 sena u miet fis-sena ta' wara) qal li ma setax jindaħal għal xogħol ta' dik il-qatgħa u ttama li Alfons Marija Galea jagħmel dak li ma setax jagħmel hu. Muscat Azzopardi kkummenta dwar l-ittra u stqarr li l-kittieba msemmija kienu madwar ħamsin u għażlu b'voti sigrieti ħamsa minn fosthom biex jistħarrġu l-"w" u l-"u". Dawn kienu Tagliaferro, Ferris, A.E. Caruana, Ninu Muscat Fenech u Muscat Azzopardi nnifsu. Il-ħamsa daħħlu minn rajhom lil Ġanni Vassallo u lestew l-alfabett Malti mingħajr il-"w", iżda Vassallo baqa' jżomm iebes dwarha u l-ħidma waqfet.

Il-kumitat li qiegħed jissemma twaqqaf fl-1893 (jew fl-1894) bil-ħsieb li jfassal alfabett xieraq. Kien għadu kemm tneħħa mill-kotba ta' l-iskejjel l-alfabett tax-"Xirka Xemia" (imwaqqfa fl-1833) li mbagħad mietet hi wkoll. Xhieda tas-sistema tal-kumitat tinstab fil-"Muftieħ tal Chitba Maltija" (1901) ta' Vassallo. Il-kumitat infired wara ftit laqgħat, iżda s-sistema tal-kittieb minn Ħal Luqa swiet għal bosta kotba Maltin oħra u wkoll għall-iskejjel tal-Gvern. Muscat

Azzopardi nnifsu mexa fuqha fil-Vanġeli li ħareġ (16).

Minkejja l-qagħda ta' saħħtu, kif kiteb hu nnifsu, Tagliaferro jidher li baqa' dejjem bejn ħalltejn jekk jindaħalx għax-xogħol li nies meqjuma minnu, fosthom Muscat Azzopardi, urewh li jistennewh minn għandu. Bħal drabi oħra, l-aktar li kien inikktu kien in-nuqqas ta' ortografija mibnija xjentifikament: "Katt, biex ingħidlec is-seuua, ma għoġbitni dic il liberta' li inti għall euuel tajt li cull ħadd jista' jicteb bl'ortografija li jrid. Dil ħaġa setgħet timxi tlietin sena ilu, meta il ligijiet tal Ortografija chienu ftit magħrufa li xejn; iżda illum uara li studji li saru, dnub u għarucaza għalina li ma nictbux il coll xorta uaħda. Fuk hecc jiddieħcu bina dauc li dejjem jmakdru il lsien Malti, u aħna jmissna, darba għal dejjem, niltakgħu, għall-ankas il chittieba tal "Habib", u niftieħmu fuq ir-rkakat li baka' bejnietna" (17).

Muscat Azzopardi wieġeb fl-istess ħarġa għall-fehmiet għaqlija ta' Tagliaferro, u beda biex wera l-biża' magħruf tiegħu li l-ġurnal ikollu jistħarreġ l-ortografija ta' kulma jinkiteb għax-xandir. Lanqas ma xtaq ibiegħed lin-nies mill-ġurnal billi jġegħelhom jaħsbu li "Il Habib" kellu xi għan xjentifiku jew li kien xi "Catidra tal lingua". L-iskop ta' l-"Unioni Cattolca" kien li l-ġurnal ikun għodda ta' tagħlim ħafif għall-poplu. Madankollu, il-fatt li l-ġurnal irnexxielu jolqot l-attenzjoni ta' bosta nies edukati, u kiseb saħansitra l-kitba ta' uħud mill-aħjar kittieba taż-żmien (bħal Tagliaferro, Cremona, Dun Xand Cortis, Ġanni Vassallo, Dun Ġużepp Farrugia, Dun Pawl Galea, Dun Mabbli Sisner, Pawl F. Bellanti, Alfons Marija Galea, Ġużè Micallef, Ġużè Micallef-Goggi), ġieb il-ħtieġa li dan il-ħelsien ma jissoktax jitħalla: "Dan daħħalna fid-dmir li nbiddlu il ħsieb; u b'sacrificcju cbir tagħna, kiegħdin noħorġuh chemm nistgħu u nafu b'ortografija uaħda."

Fil-ħsieb linkwistiku ta' Muscat Azzopardi tinħass ġmielha din id-dikotomija, frott taż-żmien li għex fih, bejn in-naħa xjentifika u n-naħa popolari. Waqt li fehem li l-Malti kien jeħtieġ, qabel xejn, il-ħeffa u l-ħlewwa li kellu t-Taljan biex jixtered u jaqbad fost il-poplu, beda jifhem ukoll li l-Malti bħala lsien imrawwem bil-għaqal kien għadu qiegħed jitwieled bi tbatija u s-sisien kellhom jitqiegħdu bid-dehen, u mhux skond dak li hu ħafif u popolari. Hjiel ta' dan

16. Ara A. Cremona: "Antoloġija ta' proża Maltija", Malta University Press, 1970, paġ. 181-182, "Rand u riħan", A.C. Aquilina, 1945, paġ. 128. F'dan l-aħħar xogħol Cremona jgħid li jingħad li flimkien mal-kittieba msemmija kien hemm ukoll Salvu Castaldi u Fortunat Mizzi.

17. Napuljun Tagliaferro: "Merħba biha" fi "Il Habib", 2/3/1915, nru 156, paġ. 1.

jinsab f'dis-silta mit-tweġiba: "Aħna ma nimxux fl'ortografija tagħ na fuk din ir-regula għal-collox mhux għax ma togħġobniex, jeu biex inuebbsu rasna, jeu għax tiġina tkila, imma biex n'ictbu eħfef għall karrejja tagħna . . . sa dac il jum biss li, f'laqgħa tal Chittieba, ir regula tcun saret għal cull-ħadd."

Ġużè Micallef, li f'dik il-ħabta kien għadu student tal-letteratura fl-università, ma qabilx mal-ħsieb li jitlaqqgħu l-kittieba ta' "Il Habib" u jistħarrġu l-ortografija bejniethom: "Jecc jinħtieġ li l-chit tieba maltin jiltakgħu u jiftiehmu fuk xi ħaġa, hu l-alfabett. L'alfa-bett tal "Habib" hu dac li chienet ipproponiet ix-"Xirca Xejmija" krib is-sena 1840. Dic ix-xirca mietet fuk ommha; mingħajr ma biss ħarġet grammatca jeu vocabolarju. Iżda minn hemm il hau saru bosta studi fuk il Malti: għal dac li hu ortografia u alfabett għal Malti nsemmu biss lil Preca u il Vassallo. Jarġa, x-"Xirca Xejmija" ma chienet għamlet l-ebda avanz fuk l-alfabett ta' Vassalli, li baka dejjem il guida ta' cull min chiteb uara. Imissec, Sur Direttur, tiftaħ discussioni fuk l-alfabett, u uara, mita jidhirlec li ż-żmien icun uasal tlakka' lil dauc collha li jcunu, tajjeb jeu ħażin, tau il parir tagħ-hom biex darba għal dejjem irauumu alfabett li mingħajr ma jitbie-għ:d uisk mit-taljan icun jokgħod għal malti . . . "(18).

Fil-bidu ta' Awissu, 1915, Muscat Azzopardi talab lill-kumitat ta' l-"Unione Cattolica' biex tagħtih xahar mistrieħ mit-tmexxija ta' "Il Habib". Iżda xorta baqgħu jidhru ittri dwar l-ortografija u l-ħtieġa li titwaqqaf għaqda għall-kittieba. Kemm minħabba saħħtu u kemm minħabba n-nuqqas serju ta' qbil fil-fehmiet dwar bosta rqaqat orto-grafiċi, jidher li beda jaqta' qalbu. Wara li stqarr li kien jistenna li matul il-jiem tal-mistrieħ ma jsib lil ħadd li jdeffsu mill-ġdid "fil quistjoni tal ortografija maltija', qatagħha li anki meta jerġa' lura għax-xogħol tal-ġurnal, ma jidħolx aktar fil-biċċa: "Għax, ngħid jien mil bluħa tiegħi, jecc ma nistgħu naslu f'xejn bil lakgħat tal chit-tieba, fejn cull-ħadd icun irid juri għerfu, chemm naslu nkas bil priedchi minxurin bħat-tapezzerija tal festi il cbar fil gażetti! Fil lakgħat, tal-inkas, il chelma tmur mar-riħ, għax, imbagħd, mita cull-ħadd icun kal tiegħu, imutu collha f'kieħ il boxxlu, u tirbaħ il cotra bis-saħħa tal voti: imma fil gażetti, l'actar dauc li iriduha ta mgħall-min tal oħrajn, mhux għal-chemm jarġgħu l'ura minn dac li icunu chitbu u żejjnu b'isimhom!

Mela, minn għalija, aħjar xejn, għax xbajt ngħidu dejjem u ma nagħmlu katt. Fil "Habib" jista' jicteb cull-ħadd fuk din li mbierca ortografija, għax il bieb miftuħ dejjem għall ħbieb collha: imma

18. Ġ. Micallef: "Chitbulna" fi "Il Habib", 31/8/1915, paġ. 2.

jen nisma' il kniepel ta cull leħen, siechet u moħħi fihom, biex fejn nilħak b'rasi, nitgħallem xi ħaġa ġdida" (19).

Nerġgħu lura għall-ittra ta' Napuljun Tagliaferro u għat-tweġiba tagħha, imxandra taħtha, ta' Ġużè Muscat Azzopardi, fi "Il Habib" tat-2 ta' Marzu, 1915. Fit-tweġiba d-direttur tal-ġurnal tkellem dwar tliet aspetti li jagħtu ħjiel tan-naħiet differenti tal-problema lingwistika: id-diffikultà ta' ortografija xjentifika f'ġurnal tal-poplu, sajjem għal kollox minn tagħlim serju fil-Malti; in-nuqqas ta' qbil bejn il-kittieba nfushom; il-ħtieġa sħiħa li titwaqqaf għaqda li tieħu x-xogħol bid-dehen u b'rieda li tasal. Dwar dan l-aspett aħħari, kiteb: "Oħ, li chien icun! Haun bosta mil Chittieba tagħna li jixtiekuħ; u min jakra id-"Daul", li conna noħorġu għoxrin sena ilu, jista' jara chemm hi kadima din il-fehma f'moħħna. Imma ħadd ieħor irid icun biex naslu, għax aħna jonkosna iż-żmien: dac li chellna, tajnieħ collu lil dan il ġurnal."

L-interess ta' Muscat Azzopardi fil-Malti jmur lura aktar minn għoxrin sena mill-kitba ta' din l-ittra. L-ewwel ħajra li jikteb bil-Malti ħassha aktar bħala professjonista u ċittadin milli bħala kittieb. Beda biex inqeda bil-lingwa wara li fehem li l-Malti "hu ilsien mill isbaħ", iżda fuq kollox "95 fil 100 minn'na ma jafux għajr biħ jakrau u jitchellmu" (20), u hu l-aqwa għodda għat-tagħlim tal-kotra, u ssokta biex bena fuqu l-ideja ta' pajjiż Malti, maqtugħ għalih mill-bqija, sakemm spiċċa biex biddlu fil-medju komdu u mirqum għall-esterjorizzazzjoni tar-ruħ tiegħu ta' kittieb. Bejn l-ewwel u t-tielet stadju (bħalma ġara lil xi awturi oħra) hemm il-polemika, it-taqbida tal-ġurnalist.

Muscat Azzopardi beda joħroġ "In-naħla maltia" (il Belt, triek id-dejka, nru 72) nhar il-Hamis, 29 ta' Novembru, 1877. Fid-daħla mxandra fl-ewwel faċċata, ta ħjiel tal-fehmiet lingwistiċi tiegħu, kif ukoll ta' l-għan ta' tagħlim marbut mal-ġurnaliżmu u mal-Malti. Il-problema dehret quddiemu mill-ewwel: liema sura ta' Malti? L-aspett popolari li ried jikseb ġiegħlu jinqata' minnufih mill-puriżmu, waqt li l-kultura li trabba fiha ġegħlitu jikteb kemm jista' jkun bir-reqqa anki bil-Malti, ilsien mhux imħaddem kif xieraq: "Daun in-nies li uma il biccia il cbira, billi ma jafux ħlief bil malti, m'għandomx għalech icunu jafu x heghd isjr f'Malta u f'id-dinja? . . . .

'In-nahla maltia' seira issjr għal daun in-nies li uma maltin phalna . . . min tuieled f'Malta u rada ma halib ommu ilsien malti,

19. Ġ. Muscat Azzopardi: "Chitbulna" fi "Il Habib", 7/9/1915, paġ. 2.

20. Ġ. Muscat Azzopardi: "Pari-passu", fi "Il Habib", 24/11/1914, nru. 142, paġ. 1.

billi jaf jakra b'ilsna ohra, m'ghandu katt imakdar ilsien tighu . . . Sabiex 'In-nahla maltia' tcun toghġiob lil cullhatt, ma naghmlux cliem mehud mit-talian (chif jdhadtu il Belt), sabiex jfmuna in-nies tar-rhula; u, mil banda l ohra, inkisu li ma naghmlux min dac il cliem malti li fil Belt ma jftghiemx" (21).

Madankollu, il-Malti bħala lsien il-Maltin ma kienx, fil-fehma cara tiegħu, ilsien maqtugħ għalih jew biżżejjed fih innifsu. Kellu jgħix u jikber fl-ambjent usa' tat-Taljan, li kellu tradizzjoni għanja ta' sekli twal, u ta' l-Ingliż, l-ilsien li beda jiftaħ toroq ġodda fil-ħajja tal-pajjiż. Jidher li għal xi żmien rabat il-kawża tal-Malti mat-taqsima tal-poplu li ma setgħetx titgħallem iż-żewġ ilsna barranin fil-fond, u ma setgħetx tgħaddi mingħajr l-eħfef medju ta' kuntatt: "billi il malti ua ilsien li bieh jitchelmu, malli jitghalmu jakrau xi hagia, icunu jifmuua" (22).

L-aktar ħaġa ċara f'min jikteb il-Malti kienet l-ortografija: kif se tikteb kelma, u għaliex se tiktibha hekk? In-nuqqas ta' uniformità, dnub ta' kulħadd, anki ta' l-aħjar kittieba, kien il-bidu ta' polemika bejn "-In-naħla maltia" u "Il Habbar malti". Fuq naħa, Muscat Azzopardi jagħraf lill-ġurnal tiegħu l-mertu li ħaddieħor beda juża rqaqat ortografiċi skond kif beda jiktibhom hu, u fuq naħa oħra, ikkundanna l-kitba differenti ta' l-istess kelma: "Mhux min fukna, min ftit harġiet ilaun, bida jicteb il **g** bl'apostorfu, biex jaghżel il **ge** mil **ghe,** jeu, biex actar niftehmu, biex jagħżel **g'liegel** min **glieghel, ang'lu** min **anglu?** . . . Aħna ma ghandniex f'rasna li is-sur Barbru ghandu jicteb il malti phalna, chif kieghed johlom jeu iheuden, u; izda jidhrilna li ghandu jehu triek u jibka seijer bija, ghax mita uiehed dakka jicteb xorta u dakka ohra, juri ciar li ma jafx x'kieghed jaghmel . . . Ghaliex, fl'istess hargia ta nhar il gimgha, l'euuel jaghmel **g'ratilna,** imbaghad **giranet,** u fl'ahhar **hrigna?** . . . Jeu jagħmel il **g** bl'apostrofu f'collox, jeu f'xein! Ghaliex l'euuel jicteb **bhal,** u ftit uara jicteb **phal?** Ghaliex, l'euuel igheid **kittieb** u imbaghad chittieb? . . . Ghaliex banda jaghamel **fehma,** phalna, u band'ohra **feghma**? . . . Jeu bil ghain jeu minghaira!' (23).

21. Din il-għażla tfakkar fl-għażla usa' ta' Vassalli: "In cinque dialetti suole distinguersi dal volgo la lingua nostra, nei quali scherzando sogliamo contraffare gl'uni agl'altri. Eglino sono detti in maltese 'lsien tal-bliet, lsien ta' Għawdex, lsien tar-rħajjel t'isfel, lsien tar-rħajjel ta' fuq, u lsien tar-rħajjel tan-nofs'. (M.A. Vassalli: "Ktyb yl Klym Malti", Roma, MDCCXVI, "Discorso Preliminiare", para. xvii, paġ. XVI.
22. G. Muscat Azzopardi fi "In-naħla maltia", 20/12/1877, nru 4, paġ. 1
23. Awtur anonimu: "L'euuel u l-aħħar" fi "In-naħla maltia", 11/9/1878, nru. 42, paġ. 3.

Din l-istess għamla ta' diżordni fil-"Habbar Malti" qanqlet il-għadab ta' Muscat Azzopardi: "U xi sbuhia ta malti! Chiecu ilsien malti chien phal dac li iharbex il Habbar malti, il Maltin chienu jisthu igheidu li uma maltin" (24). U huwa sewwa sew il-mertu tat-tiswija ta' l-ortografija li Muscat Azzopardi jagħti lill-gazzetta tiegħu, u lilu nnifsu, f'egħluq l-ewwel sena mill-ħruġ tagħha: "Fuk chif għandu jin-chiteb il Malti (jahfrulna l'imsiehba tagħna din il fohria lilna nfusna) ahna jidhrilna li seuueina bosta darbiet tal'lsien tagħna — u chienu tisuijet taiba, għax min gie uraina mixa fukom ucoll; jidhrilna li ctibna b'malti li jifmuh in-nies tal bliet u tar-rhula — chif uegħedna fl'euuel hargia tagħna . . . " (25).

24. Awtur anonimu; fi "In-naħla maltia", 25/9/1878, nru. 44, paġ. 3.
25. Awtur anonimu: "In-naħla maltia" fi "In-naħla maltia", 27/11/1878, nru. 53, paġ. 2.